## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. WASIM HAMAD NAYIF ABDELBAGI (KI. 607112L)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**06/06/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**BILLI inti akkuzat talli** fit-05/03/2022 ghall habta ta' 10:00 hrs gewwa Triq il-Wied, Birkirkara, soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni HSM 111;

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan **Sec 15(1)(a)(3), Chap. 65**
2. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, ghal uzu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-ohra minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104**
3. Waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur, dawwart lura fid-direzzjoni opposta fl-istess triq (U-tum) **Art. 2(IIA(b)), L.S. 65.05**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 479 Frank Anthony Portelli (affidavit), PC 167 Philip Camilleri (affidavit), Kenneth Pace għal Transport Malta (affidavit) u tal-imputat innifsu.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Jirriżulta mill-affidavits tal-uffiċjali tal-Pulizija illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni HSM 111. Huwa twaqqaf wara li ġie nnutat jagħmel manuvra ta' *u-turn.* Mill-affidavit ta' Kenneth Pace (Transport Malta) irriżulta *inter alia* ukoll illi fl-14 ta' Awwissu 2019 huwa rritorna l-liċenzja tas-sewqan proviżorja tiegħu lil Transport Malta wara li din kienet ġiet revokata bil-punti u li fl-4 ta' Ottubru 2022 huwa applika sabiex tinħariġlu liċenzja tas-sewqan ġdida. Mix-xhieda tal-imputat irriżulta illi huwa ottjena liċenzja tas-sewqan ġdida fil-21 ta' Diċembru 2022.

2. Minn dawn il-provi jemerġi bla ebda dubbju illi l-imputat huwa ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet.

3. Fir-rigward tal-imputazzjoni dwar is-sewqan mingħajr polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskji tat-terzi oltre che li issa ormai hija ġurisprudenza assodata tal-Qorti tal-Appell Kriminali[1] illi s-sewwieq li jkun akkużat bir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 irid jipprova illi huwa kien **personalment** kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura minnu, jirriżulta mill-atti illi l-imputat ma ressaq l-ebda provi f'dan ir-rigward tant illi lanqas biss esebixxa l-polza tal-assigurazzjoni, minkejja li kien jinkombi fuqu li jagħmel dan ai termini tal-Art. 3(1A) tal-Kap. 104.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, il-Qorti issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah iħallas multa fl-ammont totali ta' € 2,800. Fuq talba tal-imputat il-Qorti tordna li l-multa tkun pagabbli fi tmienja u għoxrin (28) pagamenti mensili ugwali (Kap. 9 Art. 14(2)). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art.**

---

[1] Ara fost oħrajn **Il-Pulizija v. Mohamad Knaan** (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023) u **Il-Pulizija v. Xemizin McKay** (Appell Numru 423/2022 EG, 24 ta' Mejju 2023),

**15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tlettax-il xahar.**

**V.G. Axiak**
**Maġistrat**

**Y.M. Pace**
**Dep. Reġistratur**